

Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

31 ta' Jannar 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

★ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-il-mijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti il-mijiet mhux tal-Unjoni.....	1
★ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbi fil-Baħar Mediterranean u fil-Baħar l-Iswed għall-2022	165

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/109

tas-27 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ġerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea , u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹) jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni b'kont meħud tal-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.
- (2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif ikun xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, għal stokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali spċifici , il-qabdet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġi stabbiliti f'konformità mal-miri u mal-miżuri stabbiliti f'dawk il-pjanijiet. Skont l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri sabiex tigħiż żgurata l-istabbiltà relativa tal-attività tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew sajd.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li t-TACs jiġi stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pari xjentifiku disponibbli, b'kont meħud tal-aspetti bijoloġiċi u soċċoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-kunsilli konsultattivi.
- (4) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid kieno soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2019, għalkemm japplikaw ċerti eżenzjonijiet. L-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li, fejn l-obbligu ta' ħatt l-art fir-rigward ta' stokk ta' ħut jiġi introdott, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jirriflettu l-qabdet aktar milli l-ħatt l-art. Abbażi tar-rakkomandazzjoni konġunti mill-Istati Membri u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni adottat għadd ta' regolamenti delegati li jistabbilixxu dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-forma ta' pjanijiet spċifici tal-iskartar tal-ħut.

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art jenħtieġ li jqisu l-fatt li l-iskartar fil-prinċipju ma għadux permess. Għalhekk, dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali (minflok dik issuġġerita għall-qabdiet mixtieqa), stipulata mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-kwantitajiet li, b'eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art, jistgħu jibqgħu jiġu skartati jenħtieġ li jitnaqqus minn dik iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali.
- (6) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES ta parir li ma jinqabda xejn. Madankollu, jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabiliti fil-livell rakkommandat, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet, f'sajd imħallat, iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċċoekonomiċi potenzzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli (MSY), jixraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet aċċessorji għal l-ħtieġa li jidher għal dawk l-istokkijiet. Dawk it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti flivelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u li jipprovd u inċentivi biex tittejeb is-selettività u biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqus l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitat jenħtieġ tas-sajd li sihom jinqabda il-ħut minn dawn l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti flivelli li jighinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miżuri tekniċi u ta' kontroll li huma intrinsikament marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd sabiex jiġi evitat l-iskartar illegali.
- (7) Sabiex jiġi għarantit, sa fejn huwa possibbli, l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd f'sajd imħallat f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jixraq li tiġi stabbilita riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti għall-Istati Membri li ma għandhomx kwota biex ikopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom.
- (8) F'konformità mal-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet elenkti fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament għandha tinżamm fil-medded tal-valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw fl-MSY ('meded ta' F_{MSY}) definiti fl-Artikolu 2, punt (2) ta' dak ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħi. Għalhekk, jenħtieġ li l-mortalità ġenerali mis-sajd għall-ispnotta Ewropea (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES tiġi stabbilita f'konformità mal-parir tal-ICES dwar l-MSY u mal-valur tal-punt F_{MSY} , b'kont meħud tal-qabdiet kummerċjali u rikreattivi, u inkluż l-iskartar. Il-valur tal-punt F_{MSY} huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd li jagħti l-MSY fit-tul. L-Istati Membri rilevanti (Franza u Spanja) jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-mortalità mis-sajd mill-flotot u mis-sajjieda rikreattivi tagħhom ma taqbija x il-valur tal-punt F_{MSY} , kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472.
- (9) Jenħtieġ li jinżammu l-miżuri għas-sajd rikreattiv tal-ispnotta Ewropea, fid-dawl tal-impatt sinifikanti tas-sajd rikreattiv fuq l-istokkijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-limiti tal-qabda jinżammu f'konformità mal-parir x-jentifiku. Ix-xbieki fissi jenħtieġ li jiġu esklużi, peress li ma humiex selettivi biżżejjed u x'aktarx jaqbdu għadd ta' eżemplari li jaqbżu l-limiti stabbiliti. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ambjentali, soċċali u ekonomiċi, speċjalment id-dipendenza tas-sajjieda kummerċjali fil-komunitajiet kostali mill-istokkijiet inkwistjoni, il-miżuri għall-ispnotta Ewropea jiksbu bilanċ xieraq bejn l-interessi tas-sajjieda kummerċjali u dawk rikreattivi. B'mod partikolari, il-miżuri jippermettu lis-sajjieda rikreattivi jistadu billi jqisu l-impatt tagħhom fuq l-istokkijiet.
- (10) Fl-4 ta' Novembru 2021, l-ICES ħareġ parir x-jentifiku għas-sallura (*Anguilla anguilla*) fil-firxa naturali kollha tagħha. L-ICES ta parir li, meta jiġi applikat l-aproċċ prekawzjonarju, jenħtieġ li jkun hemm żero qabdiet fil-habitats kollha fl-2022. Dan jaapplika kemm għall-qabdet rikreattivi kif ukoll għal dawk kummerċjali u jinkludi l-qabdet ta' frieħ tas-sallur għall-istokkjar mill-ġdid u l-akkwakultura. Skont dan il-parir, huwa meqju xieraq li jinżamm l-ġħeluq konsekuttiv ta' tliet xħur għas-sajd kollu għas-sallur waqt li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni bbażata fuq il-partijiet ikkonċernati dwar is-sallura fl-2022. Jenħtieġ li l-projbizzjoni tapplika għall-attivitat jenħha tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(1), punt (28), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw l-ġħeluq konsekuttiv ta' tliet xħur, li jeħtieġ li jaqa' fil-perijodi tal-ogħla migrazzjoni tas-sallura u jirrapportaw b'informazzjoni ta' sostenn lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2022.

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008, (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

- (11) Il-parir xjentifiku għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżona 8 tal-ICES (il-Golf tal-Biskalja) għall-2022 inħareġ mill-ICES biss fis-17 ta' Diċembru 2021. Minħabba l-ħtieġ li jkun hemm TAC fis-seħħ għall-bidu tal-istaġun tas-sajd fl-1 ta' Jannar 2022, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC proviżorja. Dan it-TAC jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 24 000 tunnella u jkɔpri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 ta' Ġunju 2022. Tali livell jikkorripondi bejn wieħed u ieħor għall-qabdet ta' dak l-istokk fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (12) Fid-diviżjonijiet 8c, 8d, 8e u fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-il-mijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1, tliet speċijiet ta' lingwata distinti huma ġestiti f'TAC waħda. Peress li l-opportunitajiet tas-sajd għal wieħed minn dawk l-istokkijiet, jiġifieri għal-lingwata komuni (*Solea solea*) fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES, jenħtieġ li jiġu stabbiliti fkonformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/472, jenħtieġ li jiġi stabbiliti limitu tal-qbid separat għal dik l-ispeċi, fkonformità mal-parir dwar l-MSY.
- (13) Il-parir xjentifiku għall-istokkijiet tal-elażmobranki (rebekkini, klieb il-baħar, raj) huwa li ma jkunx hemm qabdet, minħabba l-istat ta' konservazzjoni dghajnejf tagħhom. Barra minn hekk, rati għoljin ta' sopravivenza jfissru li l-iskartar ma jitqiesx li jżid il-mortalitā mis-sajd tagħhom u jkun ta' beneficiju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, is-sajd ta' speċijiet bħal dawn jenħtieġ li jkun ipproġbit. Skont l-Artikolu 15(4), punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art ma japplikax għal speċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit.
- (14) Il-pjan pluriennali għall-Baħar tat-Tramuntana ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹) u daħal fis-seħħ fl-2018. Il-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/472 u daħal fis-seħħ fl-2019. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkti fl-Artikolu 1(1) ta' dawk ir-Regolamenti jiġu stabbiliti fkonformità mal-miri (il-meded ta' F_{MSY}) u mas-salvagwardji previsti fdawk ir-Regolamenti. Il-meded ta' F_{MSY} ġew stabbiliti fil-parir rilevanti tal-ICES. Fejn ma tkunx disponibbli informazzjoni xjentifika xierqa, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet ta' qabdet aċċessorji jiġu stabbiliti fkonformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472.
- (15) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/973, fejn il-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament tkun inqas mill-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa (B_{lim}), għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli oħħla minn dawk li huma kapaċi jiiprodu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk inkwistjoni u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew stokkijiet oħra fl-attivitajiet tas-sajd.
- (16) It-TACs għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran jenħtieġ li jiġu stabbiliti fkonformità mar-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹).
- (17) Għal stokkijiet li għalihom ma hemmx biżżejjed data jew li d-data li hemm dwarhom ma hijiex affidabbli sabiex jiġu pprovduti stimi tad-daqs tal-istokk, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TAC jenħtieġ li jsegwu l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fl-Artikolu 4(1), punt (8), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jitqiesu fatturi speċifiċi għall-istokk, inklużi, b'mod partikolari, informazzjoni disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokk u konsiderazzjoni jiet ta' sajd imħallat.
- (18) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (⁹) introduċa kondizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni tat-TACs minn sena għal sena, inklużi dispożizzjoni jiet ta' flessibbiltà għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi (l-Artikoli 3 u 4). Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istat bijoloġiku tagħhom. Fl-2014, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal mekkaniżmu ieħor ta' flessibbiltà minn sena għall-oħra għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Sabiex tīgħi

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċċiġa d-dettalji tal-implementazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

(⁹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwot (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajnej il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbi tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS u l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jenħtieġ li jaapplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena ġħal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

- (19) Fejn TAC tiġi allokata lil Stat Membru wieħed biss, jixraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddetermina t-TAC tiegħu. Jenħtieġ li jiġi żgurat li, meta jiddetermina l-livell ta' TAC, l-Istat Membru jaġixxi b'mod li jkun konsistenti għalkkollox mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS.
- (20) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-isforz tas-sajd għall-2022 f'konformità mal-Artikoli 5, 6, 7 u 9 tar-Regolament (UE) 2016/1627 u mal-Anness I tiegħu.
- (21) Sabiex ikun iggarantit l-użu shiħi tal-opportunitajiet tas-sajd, jixraq li tkun prevista l-implementazzjoni ta' arranġamento flessibbli bejn ċerti żoni tat-TAC fejn l-istess stokk bijoloġiku huwa kkonċernat.
- (22) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attivitā limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn jenħtieġ li jkunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd tagħhom.
- (23) Fit-12-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaggi (Manila, 23-28 ta' Ottubru 2017), ġew inklużi għadd ta' speċijiet fil-listi ta' speċijiet protetti fl-Appendiċċijiet I u II ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, jixraq li tiġi prevista l-protezzjoni ta' dawk l-ispeċijiet fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fl-ilmijiet kollha u fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd li ma humiex tal-Unjoni u li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.
- (24) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (⁹), u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, li jittrattaw ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (25) It-TAC tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) f'ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Unjoni dwar is-sehem xieraq tal-Unjoni f'dak is-sajd.
- (26) Fil-laqqha annwali tagħha fl-2021, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) adottat miżura ta' konservazzjoni għaż-żeww stokkijiet tar-redfish (*Sebastes marinus* u *Sebastes mentella*) fil-Baħar Irminger u fl-ilmijiet tal-madwar, li tipprobjixxi sajd dirett għal dawk l-istokkijiet. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji, in-NEAFC ipprojebt l-attivitàajiet tas-sajd fiż-żona fejn jaggrega ruħu r-redfish. Dawk il-miżuri, ibbażi fuq il-parir tal-ICES għal qabdiet zero, jenħtieġ li jiġi implementati fid-dritt tal-Unjoni. L-NEAFC ma setgħetx tadotta rakkomandazzjoni għar-redfish fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES. Għal dak l-istokk, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC rilevanti f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni expressa fl-NEAFC.
- (27) Għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES, b'kont meħud tal-parir xjentifiku tal-ICES għall-2022, jenħtieġ li tiġi ffissata TAC ta' 1 766 tunnellata.
- (28) Fil-laqqha annwali tagħha tal-2021, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) iddeċidiet li fl-2022 iż-żomm it-TACs attwali għat-tonn, il-pixxispad (*Xiphias gladius*), il-marlin blu (*Makaira nigricans*), il-marlin abjad (*Tetrapturus albidus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*) u l-ħuta kaħla (*Prionace glauca*). L-ICCAT stabbili ukoll TAC għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) ta' 62 000 tunnellata għall-2022. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġi implementati fid-dritt tal-Unjoni.

^(⁹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

- (29) Sabiex titnaqqas il-mortalità mis-sajd tat-tonn obeż u tat-tonna safra li għadu qed jikber, l-ICCAT stabbiliet ukoll limitu massimu ta' 300 irkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) għal kull bastiment fl-2022 u perijodu ta' għeluq għall-użu tal-FADs. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (30) L-ICCAT adottat ukoll pjan ta' bini mill-ġdid ta' 15-il sena għall-alonga tal-Mediterran (*Thunnus alalunga*) mill-2022 sal-2036. Għall-2022, l-ICCAT stabbiliet it-TAC għall-alonga tal-Mediterran għal 2 500 tunnellata. Barra minn hekk, l-ICCAT adottat TAC għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana ta' 37 801 tunnellata għall-perijodu mill-2022 sal-2023, abbażi tar-regola tal-qbid bil-ħsieb li tīgħi adottata proċedura għall-ġestjoni fit-tul ta' dan l-istokk. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (31) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2021, l-ICCAT adottat ukoll pjan ta' rkupru għall-pixxitondu tal-Atlantiku tat-Tramuntana (*Isurus oxyrinchus*) li jinqabda flimkien ma' sajd ieħor tal-ICCAT biex jintemmin is-sajd eċċessiv u gradwalment jinkisbu livelli ta' bijomassa suffiċjenti biex jiġi appoġġat l-MSY sal-2070. Il-pjan ta' rkupru jinkludi projbizzjoni taż-żamma ta' sentejn li tibda fl-2022. Il-mortalità totali mis-sajd għet stabbilita għal massimu ta' 250 tunnellata sakemm jingħata parir xjentifiku ġdid. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (32) Skont diversi rakkmandazzjonijiet tal-ICCAT, l-Unjoni tista', fuq talba, tirriporta perċentwal stabbilit tal-kwota mhux użata tagħha tal-opportunitajiet tas-sajd mill-2020 għall-2022. Sakemm jiġu implementati dawk ir-rakkmandazzjonijiet tal-ICCAT fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kwoti għall-Istati Membri individwali għal ċerti stokkijiet jiġu stabbiliti abbażi ta' kwota totali tal-Unjoni għall-2022 kif determinata mill-ICCAT qabel kwalunkwe riport ta' kwoti mhux użati jew tnaqqis, magħmul mill-ICCAT, għal kwantitat jistada eċċessivament. Jenħtieġ li l-aġġustamenti għall-kwoti tal-Istati Membri individwali għall-2022 li jirriflettu kwalunkwe riport u tnaqqis jitwettqu fi stadju aktar tard abbażi tar-regoli tal-Unjoni dwar ir-riport u t-t-naqqis bħar-Regolament (KE) Nru 847/96, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew l-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
- (33) L-alonga tat-Tramuntana ġiet mistada eċċessivament minn xi Stati Membri fl-2019, u dan irriżulta f'sajd eċċessiv tal-kwota totali tal-Unjoni u l-applikazzjoni ta' tnaqqis mill-ICCAT, minkejja l-fatt li Stati Membri oħra ma sfruttawx il-kwoti individwali tagħhom fl-istess sena. Sabiex tīgħi indirizzata din is-sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 (7) billi jiġu stabbiliti kwoti għall-alonga tat-tramuntana għall-Istati Membri individwali f'konformità mal-prinċipju tal-istabbiltà relativa u abbażi tal-kwota totali tal-Unjoni kif determinata mill-ICCAT għall-2021 qabel ma jsir kwalunkwe aġġustament minħabba sajd eċċessiv jew sajd insuffiċjenti mill-Istati Membri. Jenħtieġ imbagħad li l-aġġustamenti tal-kwoti jiġu applikati abbażi tar-regoli tal-Unjoni dwar ir-riport u t-t-naqqis bħar-Regolament (KE) Nru 847/96, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew l-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 sabiex jiġi żgurat li l-kwota totali tal-Unjoni għall-alonga tat-tramuntana tqis l-aġġustamenti li saru mill-ICCAT.
- (34) Fl-2021, fil-laqgħa annwali, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) adottat limiti ta' qbid kemm għall-ispeċijiet fil-mira kif ukoll għal dawk aċċessorji għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Novembru 2022. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (35) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) rrevediet il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati preċedentement. Suppost dawk il-miżuri digħi ġew implementati fid-dritt tal-Unjoni. Il-limiti riveduti tal-qbid għat-tonna safra ġew ikkonfermati mis-Segretarjat tal-IOTC biss wara tmiem il-perijodu uffiċjali ta' oġġezzjoni fis-17 ta' Diċembru 2021. Il-limiti riveduti kkonfermati tal-qbid għat-tonna safra jenħtieġ li jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni iktar tard.
- (36) Il-laqgħa annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) ser issir mill-24 sat-28 ta' Jannar 2022. Il-miżuri attwali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO li huma funzjonalment marbuta mat-TACs għalhekk jenħtieġ li jinżammu b'mod proviżorju sakemm issir il-laqgħa annwali u jiġu ddeterminati t-TACs għall-2022.
- (37) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2021, il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) adottat miżuri ġodda ta' konservazzjoni u ġestjoni għat-tonn tropikali għall-perijodu 2022–2024, li inkludew reviżjoni tal-ġhadd ta' FADs attiv. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppji ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠU L31, 29.1.2021, p. 31).

- (38) Fil-laqgħha annwali tagħha tal-2021, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn tan-Nofsinhar (CCSBT) stabbillet it-TAC annwali għat-tonn tan-nofsinhar (*Thunnus maccoyii*) għal perijodu ta' tliet snin (mill-2021 sal-2023), fl-istess livell tal-perijodu ta' tliet snin preċedenti. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implementata fid-dritt tal-Unjoni.
- (39) Fil-laqgħha annwali tagħha fl-2021, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) iddeċidiet li żżomm il-maġġoranza tat-TACs attwali għall-ispeċijiet ewlenin taħt ir-responsabbiltà tagħha sal-laqgħha annwali li jmiss tagħha fl-2023. It-TACs għall-pixxissinna Patagonjan (*Dissostichus eleginoides*) u l-granciċċiet ħomor tal-baħar fond (*Chaceon spp.*) tnaqqsu bi ftit skont il-parir xjentifiku. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (40) Fil-laqgħha annwali tagħha tal-2021, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) iddeċidiet li żżomm il-miżuri attwali applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (41) Fit-43 laqgħha annwali tagħha fl-2021, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta' opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet fis-subżoni 1 sa 4 taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (42) Fit-tmien laqgħa tiegħi fl-2021, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) żamm it-TACs adottati fl-2020 għall-istokkijiet koperti minn dak il-Ftehim. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (43) Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-isnow crab (*Chionoecetes spp.*) madwar iż-żona ta' Svalbard, it-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 dwar Spitsbergen (Svalbard) ("it-Trattat ta' Pariġi tal-1920") jagħti aċċess ugħali u nondiskriminatory għar-riżorsi madwar Svalbard lill-partijiet kollha għal dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Il-fehma tal-Unjoni dwar dak l-aċċess, fir-rigward tas-sajd għall-isnow crab fuq il-blata kontinentali madwar Svalbard, għiet stabbilita f'diversi *notes verbales* lin-Norveġja, l-aħħar fosthom datati s-26 ta' Frar 2021 u t-28 ta' Ġunju 2021. Sabiex jiġi żgurat li l-isfruttament tal-isnow crab madwar Svalbard isir konsistenti ma' kwalunkwe regola ta' ġestjoni nondiskriminatorya li tista' tistabbilixxi n-Norveġja, li tgawdi minn sovranità u ġuriżdizzjoni fiż-żona fkonformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u tat-Trattat ta' Pariġi tal-1920, huwa xieraq li jiġi ddeterminat in-numru ta' bastimenti li huma awtorizzati li jagħmlu sajd bħal dan. L-allocazzjoni ta' tali opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri hija limitata għall-2022. Huwa mfakkar li fl-Unjoni r-responsabbiltà primarja li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.
- (44) Peress li d-diskussionijiet man-Norveġja dwar aċċess ugħali u nondiskriminatory għall-ilmijiet ta' Svalbard għall-flotot tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) f'dik iż-żona għadhom għaddejjin u għandhom jiġu konklużi fil-bidu tal-2022, huwa xieraq li l-Unjoni tistabbilixxi kwota proviżorja tal-Unjoni għall-ewwel trimestru tal-2022. Il-livell ta' dik il-kwota proviżorja jenħtieġ li jiġi ffissat għal 4 500 tunnellata, b'kont meħud tal-istaġjonalità tas-sajd. Il-kwoti jenħtieġ li jiġi allokat iħall-Istati Membri fkonformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE (⁹) soġġetti għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u minħabba l-proporzjon tal-livell tal-kwota proviżorja tal-Unjoni għas-sehem tal-Unjoni tal-istokk.
- (45) F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika eskużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża (⁹), jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-lutjan li huma disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni.
- (46) Minħabba li ċerti dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġi applikati fuq bażi kontinwa, u sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali fil-perijodu bejn it-tmiem tal-2022 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-projbizzjonijiet u l-istaġġuni magħluqin ikomplu jaapplikaw fil-bidu tal-2023 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023.

^(⁸) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allocazzjoni ta' possibiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29).

^(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvażzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 55).

- (47) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implementazzjoni lill-Kummissjoni biex l-Istati Membri individwali jkunu awtorizzati jimmangiġjaw l-allocazzjonijiet tal-isforz tas-sajd f'konformità ma' sistema ta' kilowatt-jiem; biex tagħti jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfiex permanenti tal-attivitàjet tas-sajd u għat-titjib tal-kopertura tal-observaturi xjentifiċi; u biex tistabbilixxi formati ta' spreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżerċita dawk is-setgħat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽¹⁰⁾).
- (48) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitàjet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-ġħajxien tas-sajjeda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022, għajr għad-dispożizzjoni jiet li jikkonċernaw il-limiti tal-isforz tas-sajd, li jenħtieġ li jaapplikaw mill-1 ta' Frar 2022, u għajr għal ġerti dispożizzjoni jiet li jikkonċernaw reġjuni partikolari, li jenħtieġ li jkollhom data speċifika ta' applikazzjoni. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufiħ wara li jiġi ppubblikat.
- (49) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew li jirrestrinġu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni ġew adottati mill-organizzazzjonijiet regionali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tal-2021 u saru applikabbi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjoni jiet li jimplimentaw tali miżuri fid-dritt tal-Unjoni jaapplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, peress li l-istaġġun tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huwa mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u peress li ġerti opportunitajiet jew projbizzjoni jiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perijodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2021, jenħtieġ li d-dispożizzjoni rilevanti ta' dan ir-Regolament jaapplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma tippreġudikax il-prinċipju tal-aspettattivi legħiġġi peress li huwa pprobit li l-membri tas-CCAMLR jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR mingħajr awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, f'konformità mar-regoli tal-ICCAT, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżgħaraw li l-bastimenti tagħhom ma jużawwx FADs matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu tal-għeluq, jiġifieri mis-17 ta' Diċembru 2021 'il-quddiem.
- (50) F'konformità mal-proċedura prevista fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħħa l-oħra, u l-Protokoll li jimplimenta dak il-Ftehim (⁽¹¹⁾), il-Kumitat Konġunt stabbilixxa l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2022. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (51) Fl-2021, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet trilaterali dwar sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt fiż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inkluż l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena d-dieħħla. Dawk il-konsultazzjoni jiet saru bejn it-28 ta' Ottubru u l-10 ta' Diċembru 2021, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni maqbula mill-Kunsill. L-eżitu tal-konsultazzjoni jiet għie ddokumentat f'Rekord Maqbul, iffirmsat mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja fl-10 ta' Diċembru 2021. Għalhekk qed jiġi propost li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell maqbula mar-Renju Unit u n-Norveġja, flimkien mad-dispożizzjoni jiet l-oħra tar-Rekord Maqbul.
- (52) Fl-2021, l-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet bilaterali dwar żewġ stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt fiż-żona ta' Skagerrak, bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inkluż l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena d-dieħħla, kif ukoll skambji ta' opportunitajiet tas-sajd. Dawn il-konsultazzjoni jiet saru bejn it-8 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2021, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni maqbula mill-Kunsill. L-eżitu tal-konsultazzjoni jiet għie ddokumentat fi tliet Rekords Maqbula, iffirmsati mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni u n-Norveġja fl-10 ta' Diċembru 2021. Għalhekk qed jiġi propost li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti li jimplimentaw r-rekord maqbula man-Norveġja, flimkien mad-dispożizzjoni jiet l-oħra tar-Rekord Maqbul.
- (53) L-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkal jaw tal-Baħar tat-Tramuntana jenħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex jiġi żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-Unjoni u biex jiġi previst l-irkupru ta' dak l-istokk. Miżuri marbutin funzjonalment maqbula b'mod konġunt mar-Renju Unit u n-Norveġja jenħtieġ li jinżammu biex jippermettu l-irkupru u l-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokk.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁽¹¹⁾ ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3.

- (54) L-ICES innota fl-2019 li l-qabdiet tal-aringi (*Clupea harengus*) għad-diviżjoni 3.a tal-ICES jenħtieġ li jkunu qrib iż-żero kemm jista' jkun peress li mingħajr żona addizzjonali jew restrizzjoni ta' żmien fuq is-sajd għall-aringi, qabda ta' aringi tal-punet tal-Baltiku li jorqoq fir-Rebbiegħa (WBSS) tkun inevitabbi. Informazzjoni reċenti mill-ICES tindika t-taħlit dejjem jiżid tal-aringi WBSS ma' aringi tal-Baħar tat-Tramuntana fi Skagerrak u l-Baħar tat-Tramuntana, fejn il-maġġoranza tal-qabdiet tal-aringi tad-WBSS issa jseħħu fi Skagerrak u f'ammont inqas fil-lvant tal-Baħar tat-Tramuntana.
- (55) Fir-Rekord Maqbul mill-konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni u n-Norveġja għal Skagerrak, l-Unjoni timpenja ruħha li tillimita l-qabdiet attwali tagħha fi Skagerrak għal 969 tunnellata, filwaqt li n-Norveġja qablet li tittrasferixxi mill-inqas 95 % tal-kwota tagħha għall-Baħar tat-Tramuntana biex tipproteġi l-aringa tad-WBSS. Għaldaqstant, qed jiġi propost li jiġu limitati l-qabdiet globali tal-flotot C (HER/03A) u D (HER/03A-BC) għall-Istati Membri rilevanti billi tiżidied nota f'qiegħ il-paġna ta' kondizzjoni specjalji mat-tabelli tat-TAC ta' dawk il-kwoti, filwaqt li jinżamm il-livell tal-kwoti fit-tabelli biex tiġi riflessa l-istabbiltà relativa u tiġi rregolata l-flessibbiltà bejn iż-żoni assoċjata (IAF). Fil-każ tan-Norveġja, il-qabdiet massimi attwali li jistgħu jsiru fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES jikkorrispondu għal 167 tunnellata (5 % tal-kwota tagħha).
- (56) Skont il-paragrafu 13.11 tar-Rekord Maqbul mill-konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni u n-Norveġja għal Skagerrak, in-Norveġja u l-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jistadu sa 100 % tal-kwota tagħhom għall-aringi ta' Skagerrak fil-Baħar tat-Tramuntana sabiex jipproteġu l-aringi tad-WBSS. Sakemm jiġi konklużi l-konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit għall-2022, ma setax jiġi kkonfermat fl-20 ta' Diċembru li l-IAF fl-ilmijiet tar-Renju Unit għall-2022 għal HER/03A ser tinżamm. Għalhekk, huwa meħtieġ li jkun espliċi li l-IAF fl-ilmijiet tar-Renju Unit ma tkunx applikabbi fin-noti ta' qiegħ il-paġna rilevanti tal-flotot C sakemm l-Unjoni u r-Renju Unit ikunu qablu dwar tħalli flessibbiltà fil-konsultazzjonijiet bilaterali bejn dawk iż-żewġ partijet.
- (57) Fil-paragrafu 13.12 tar-Rekord Maqbul mill-konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-Unjoni u n-Norveġja għal Skagerrak, l-Unjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tuża ċerta flessibbiltà fiż-żoni 4a u 4b tal-Baħar tat-Tramuntana ugħalli għall-parti tal-Unjoni ta' 5,7 % tal-livell tal-flotta A, jew 21 038 tunnellata.
- (58) L-Unjoni kellha konsultazzjonijiet bilaterali kull sena mal-Gżejjer Faeroe dwar l-iskambju tal-kwoti u l-aċċess reċiproku għall-2022. Dawk il-konsultazzjonijiet ma wasslux għall-konklużjoni ta' ftehim fl-2021.
- (59) Skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħħa l-oħra ⁽¹²⁾ ("Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jkollhom konsultazzjonijiet kull sena biex jaqblu, sal-10 ta' Diċembru ta' kull sena, dwar it-TACs għas-sena ta' wara għall-istokkijiet elenkti fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Skont l-Artikolu 499(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jekk ma jsirx qbil fuq tali TACs sal-20 ta' Diċembru, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu TACs proviżorji .
- (60) Il-konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit ġew konklużi fil-21 ta' Diċembru. Dan kien tard wisq sabiex l-eżitu jiġi inkluż f'dan ir-Regolament, meta jittieħed kont tal-fatt li jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022. Jenħtieġ li l-Kunsill għalhekk, b'rispett sħiħ tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u d-drittijiet u l-obbligi tal-istati kostali kif ukoll is-sovranità u l-għuriżdizzjoni tagħhom, jistabbilixxi TACs proviżorji għas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonal, u l-ilmijiet li jingħata aċċess għalihom minn pajjiżi terzi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kif espress fir-Rekord Maqbul iffirmsat fil-21 ta' Diċembru 2021, jenħtieġ li jkun rifless femenda għal dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jiġi adottat malajr kemm jista' jkun.
- (61) Jenħtieġ li t-TACs proviżorji jkollhom l-għan li jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-Unjoni u li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbi sakemm tali emenda tiġi adottata.

⁽¹²⁾ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (62) Dak l-approċċ huwa bbażat fuq l-Artikolu 499(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li jipprevedi li, jekk stokk elenkat fl-Anness 35 għal dak il-Ftehim jew fit-Tabelli A u B tal-Anness 36 ta' dak il-Ftehim jibqa' mingħajr TAC maqbul, kull Parti għandha tistabbilixxi TAC proviżorja li tikkorrispondi għal-livell rakkommandat mill- ICES, li tapplika mill-1 ta' Jannar. Skont l-Artikolu 499(3), (4) u (5) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u b'deroga mill-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, it-TACs għal stokkijiet speċjali għandhom jiġu stabiliti skont il-linji gwida li kellhom jiġu adottati mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd sal-1 ta' Lulju 2021.
- (63) Għalhekk, bħala approċċ ġenerali, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-Unjoni jkunu bbażati fuq il-parir tal-ICES għall-2022. Dawn jenħtieġ li jikkorrispondu għas-sehem tal-Unjoni miftiehem skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (64) Mingħajr preġudizzju għal, u b'kont meħud tan-nuqqas tal-linji gwida għal stokkijiet speċjali, it-TACs għal dawk l-istokkijiet jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-Artikolu 499 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (65) It-TACs proviżorji jenħtieġ li jikkonformaw ukoll mal-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 4, Artikolu 5(3) u Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/472 u l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/973.
- (66) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES ħareġ parir xjentifiku biex ma jsir ebda qbid. Jekk it-TACs proviżorji għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdet kollha, inkluż qabdet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet, f'sajd imħallat iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi u l-htiegħa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, b'kont meħud tad-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs proviżorji għal qabdet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Jenħtieġ li l-livell ta' dawk it-TACs ikun tali li titnaqqas il-mortalitā għal dawk l-istokkijiet u li jingħataw incēntivi għal titjib fis-selettività u fl-evitar ta' qabdet ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqus l-qabdet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs proviżorji għall-qabdet aċċessorji, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabab il-ħut minn dawk l-istokkijiet flivelli li jgħiġu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbi.
- (67) Bħala approċċ ġenerali, jenħtieġ li t-TACs proviżorji jkunu bbażati fuq tiġid tat-TACs adottati mill-Kunsill għall-2021, bl-applikazzjoni ta' proporzjon ta' 25 % għal livelli tat-TAC tal-2021, sabiex jiġi kopert l-ewwel kwart tal-2022. Dak l-approċċ ma jippreġudikax it-TACs definitivi.
- (68) L-istokkijiet li għalihom jenħtieġ li jaapplika perċentwal ogħla minn 25 % jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-analiżi tal-użu tal-kwota fl-ewwel trimestru tal-aħħar erba' snin (2018–2021) mill-Istati Membri. It-TACs proviżorji ġew ivvalutati f'konformità mal-parir xjentifiku u b'kont meħud tal-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u ma jaqbżux it-TACs definitivi miftiehma mar-Renju Unit. Dawk it-TACs proviżorji miżjud jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-parir tal-ICES, mal-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, kif ukoll mal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Huma ser jippermettu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jużaw l-opportunitajiet tas-sajd li huma intitolati għalihom u li altrimenti kienu jkunu mċaħħda minnhom minħabba l-istaġġonalità tas-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.
- (69) Fil-prinċipju, dan il-livell jitqies bħala suffiċjenti għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni mill-inqas sal-31 ta' Marzu 2022.
- (70) L-Unjoni kkonsultat lir-Renju Unit dwar l-approċċ għall-istabbiliment tat-TACs proviżorji.
- (71) L-ispnotta tal-Ewropa ta' Fuq hija stokk kondiżiż mar-Renju Unit, u għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri proviżorji għall-ewwel kwart tal-2022 għal dan l-istokk, sal-implementazzjoni tal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit.
- (72) Sabiex jittieħed kont tal-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex isiru disponibbli kwoti għal ċerti qabdet inċidental li l-istat Membri mingħajr kwota, jenħtieġ li jiġi stabiliti mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti għal għadd ta' stokkijiet.
- (73) L-ġħeluq staġġonali għas-sajd taċ-ċiċċirell (*Ammodytes spp.*) b'ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jenħtieġ li jitkompla sabiex jippermetti l-protezzjoni taż-żoni fejn ibid il-ħut u l-limitazzjoni tal-qabdet li jkunu għadhom qed jikbru,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd li huma disponibbli fl-iljmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti iljmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet ta' ħut.
2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:
 - (a) il-limiti ta' qbid għas-sena 2022 u, fejn spċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2023;
 - (b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għas-sena 2022, ħlief il-limiti tal-isforz tas-sajd stabiliti fl-Anness II, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2022 sal-31 ta' Jannar 2023;
 - (c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2021 sat-30 ta' Novembru 2022 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-CCAMLR.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti li ġejjin:
 - (a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;
 - (b) bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-iljmijiet tal-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal:
 - (a) ċertu sajd rikreattiv imsemmi b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament; u
 - (b) għas-sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

- Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ma' dawk japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) "bastiment ta' pajjiżi terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi terz u li huwa rreġistrat fi;
 - (b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-kuntest tar-rikrezzjoni, it-turiżmu jew l-isport;
 - (c) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmjiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;
 - (d) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:
 - (i) fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd li għalihom tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
 - (ii) fl-attivitajiet tas-sajd l-oħrajn kollha, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk kull sena;
 - (e) "kwota" tfisser proporzjon minn TAC li huwa allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
 - (f) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, imsejsa fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifċi dwar l-għażiex għall-qbid fil-ġejjieni;

- (g) “daqs tal-malji” tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif ġie ddefinit fl-Artikolu 6, punt (34), tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽³⁾);
- (h) “reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni” tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (i) “ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd” tfisser il-ġurnal ta’ abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (j) “baga strumentata” tfisser baga mmarkata b’mod ċar b’numru ta’ referenza uniku li jippermetti l-identifikazzjoni ta’ sidha u mgħammra b’sistema ta’ rintraċċar bis-satellita biex timmonitorja l-pożizzjoni tagħha;
- (k) “baga operazzjonali” tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u mqiegħda fuq il-baħar fuq ir-kaptu mitluq għal riħu biex jinġema’ l-ħut (FAD) jew injam jgħum fil-wiċċ, li tittrażmetti l-pożizzjonijiet u informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda;
- (l) “il-punt ta’ valur tal-F_{MSY}” ifisser il-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li, ibbażat fuq mudell tas-sajd partikolari u taħt il-kondizzjonijiet ambientali medji attwali, jagħti r-rendiment massimu sostenibbli fuq terminu ta’ żmien twil.

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

- (a) Iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽⁴⁾);
- (b) “Skagerrak” tfisser iż-żona ġeografiċa kkonfinata fil-punent minn linja miġbuda mill-fanal ta’ Hanstholm għall-fanal ta’ Lindesnes u fin-nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta’ Skagen sal-fanal ta’ Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;
- (c) “Kattegat” tfisser iż-żona ġeografiċa kkonfinata fit-tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta’ Skagen sal-fanal ta’ Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenore sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;
- (d) “unità funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografiċa kkonfinata minn lossodromi li b’mod sekwenzjalji jgħaqqu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:
 - 53° 30' N 15° 00' W,
 - 53° 30' N 11° 00' W,
 - 51° 30' N 11° 00' W,
 - 51° 30' N 13° 00' W,
 - 51° 00' N 13° 00' W,
 - 51° 00' N 15° 00' W;
- (e) “unità funzjonali 25 tad-diviżjoni 8c tal-ICES” tfisser iż-żona tal-baħar ġeografiċa kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:
 - 43° 00' N 9° 00' W,
 - 43° 00' N 10° 00' W,
 - 43° 30' N 10° 00' W,

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

- 43° 30' N 9° 00' W,
 - 44° 00' N 9° 00' W,
 - 44° 00' N 8° 00' W,
 - 43° 30' N 8° 00' W;
- (f) “unità funzionali 26 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:
- 43° 00' N 8° 00' W,
 - 43° 00' N 10° 00' W,
 - 42° 00' N 10° 00' W,
 - 42° 00' N 8° 00' W;
- (g) “unità funzionali 27 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:
- 42° 00' N 8° 00' W,
 - 42° 00' N 10° 00' W,
 - 38° 30' N 10° 00' W,
 - 38° 30' N 9° 00' W,
 - 40° 00' N 9° 00' W,
 - 40° 00' N 8° 00' W;
- (h) “unità funzionali 30 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Spanja fil-Golf ta’ Cádiz u fl-ilmijiet tal-madwar tad-diviżjoni 9a tal-ICES;
- (i) “unità funzionali 31 tad-diviżjoni 8c tal-ICES” tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:
- 43° 30' N 6° 00' W,
 - 44° 00' N 6° 00' W,
 - 44° 00' N 2° 00' W,
 - 43° 30' N 2° 00' W;
- (j) “Golf ta’ Cádiz” tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni 9a tal-ICES li tinsab fil-lvant tal-lonġitudni $7^{\circ} 23' 48''$ W;
- (k) “Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar Ħajjin tal-Antartiku)” tfisser iż-żona ġeografika li hija definita fl-Artikolu 2, punti (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 (⁽¹⁵⁾);
- (l) Iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi li huma spċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽¹⁶⁾);
- (m) “Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikal)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikal stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (Konvenzjoni ta’ Antigua) (⁽¹⁷⁾);

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta’ kontroll applikabbi għall-attivitàjet tas-sajd fī-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f’ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

⁽¹⁷⁾ ĠU L 224, 16.8.2006, p. 24. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-IATTC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta’ Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikal stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

- (n) “Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)” tfisser iż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (⁽¹⁸⁾);
- (o) “Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC (Kummissjoni għat-Tonn tal-Ocean Indjan)” tfisser iż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Ocean Indjan (⁽¹⁹⁾);
- (p) Iż-żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi li huma spċificati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽²⁰⁾);
- (q) “Żona tal-Konvenzjoni tal-SEAFO (Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Ocean Atlantiku (⁽²¹⁾);
- (r) “Żona tal-Ftehim SIOFA (Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Ocean Indjan)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Ocean Indjan (⁽²²⁾);
- (s) “Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paciċiku)” tfisser iż-żona ġeografika ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fIbhra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Ocean Paciċiku (⁽²³⁾);
- (t) “Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paciċiku u fil-Paciċiku Ċentrali)” tfisser iż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Ocean Paciċiku Ċentrali u tal-Punent (⁽²⁴⁾);
- (u) “ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering” tfisser iż-żona ġeografika tal-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering ‘il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa’ tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;
- (v) “żona kondiviża bejn iż-Żoni tal-Konvenzjoni tal-IATTC u d-WCPFC” tfisser iż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:
 - il-longitudjni 150° W,
 - il-longitudjni 130° W,
 - il-latitudni 4° S,
 - il-latitudni 50° S.

⁽¹⁸⁾ ĠU L 162, 18.6.1986, p. 34. L-Unjoni aderiet għall-ICCAT permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffurmata f’Pariġi fl-10 ta’ Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

⁽¹⁹⁾ ĠU L 236, 5.10.1995, p. 25. L-Unjoni aderiet għall-IOTC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KEE tat-18 ta’ Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Ocean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

⁽²¹⁾ ĠU L 234, 31.8.2002, p. 40. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tal-SEAFO permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KEE tat-22 ta’ Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Ocean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

⁽²²⁾ ĠU L 196, 18.7.2006, p. 15. L-Unjoni approvat il-SIOFA permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KEE tad-29 ta’ Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Ocean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

⁽²³⁾ ĠU L 67, 6.3.2012, p. 3. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tal-SPRFMO permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta’ Ottubru 2011 dwar il-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fIbhra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Ocean Paciċiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1).

⁽²⁴⁾ ĠU L 32, 4.2.2005, p. 3. L-Unjoni aderiet għad-WCPFC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KEE tas-26 ta’ April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta’ Stokkijiet ta’ Ħut Migratorju fl-Ocean Paciċiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 5

TACs u allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmiġiet tal-Unjoni u fċerti ilmiġiet mhux tal-Unjoni, l-allocazzjoni tagħhom fost l-Istati Membri u, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonal huma stabbiliti fl-Anness I.
2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati jistadu fl-ilmiġiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, Greenland, in-Norveġja u fiż-żona tas-sajd fl-inħawi ta' Jan Mayen soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20 u l-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u fir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (sup²⁵) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.
3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati jistadu fl-ilmiġiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tar-Renju Unit soġġetti għat-TACs fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 6

TACs li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta' ħut identifikati fl-Anness I għandhom jiġu ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat.
2. It-TACs li għandhom jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:
 - (a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-PKS, partikolarment mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u
 - (b) jirriżultaw fi sfruttament tal-istokk li:
 - (i) jekk tkun disponibbli valutazzjoni analitika, ikun konformi mar-rendiment massimu sostenibbli, bi probabbiltà kemm jista' jkun għolja; jew
 - (ii) jekk valutazzjoni analitika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, ikun konsistenti mal-approċċ ta' prekawżjoni għall-ġestjoni tas-sajd.
3. Sal-15 ta' Marzu 2022, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) it-TACs li jkun iddetermina;
 - (b) id-data li jkun ġabar, ivvaluta u użata bħala bażi għall-istabbiliment tat-TACs;
 - (c) id-dettalji dwar kif it-TACs iddeterminati jikkonformaw mal-paragrafu 2.

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Artikolu 7

Applikazzjoni ta' TACs proviżorji

1. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu f'tabbera dwar l-opportunitajiet tas-sajd fl-Anness IA jew l-Anness IB, l-opportunitajiet tas-sajd f'dik it-tabbera għandhom jaġi kaw b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għandhom ikunu mingħajr preġudizzu għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd definittivi għall-2022 f'konformità mal-eżiutu tan-negozjati u konsultazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mal-parir xjentifiku u d-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-pjanijiet pluriennali rilevanti.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jistadu għal stokkijiet soġġetti għal opportunitajiet tas-sajd proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 fl-il-mijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali u fl-il-mijiet ta' pajiżi terzi li taw aċċess għall-ilmijiet tagħhom lil-bastimenti tal-Unjoni.

Artikolu 8

Kondizzjonijiet għal ħatt l-art tal-qabdet u tal-qabdet inċidentali

1. Il-qabdet li ma humiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

- (a) ikunu saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew
- (b) jiffurmaw sehem minn kwota tal-Unjoni li ma tkunx ġiet allokata fost l-Istati Membri u li ma tkunx ġiet eżawrita.

2. Għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li l-qabdet għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti, previsti fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija f'dak l-Artikolu huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Mekkaniżmu tal-iskambji tal-kwoti għal TACs għal qabdet aċċessorji inevitabbi

1. Sabiex jitqies l-obbligu ta' ħatt l-art u biex isiru disponibbli kwoti għal ċerti qabdet aċċessorji lil Stati Membri mingħajr kwota, il-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 għandu jaġi għażiex għal-TACs identifikati fl-Anness IA.

2. 6 % ta' kull kwota allokata lil Stat Membru mit-TACs għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fil-Baħar Ċeltiku, il-bakkaljaw fil-Punent tal-Iskozja, il-merlangu fil-Baħar tal-Irlanda u l-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES, u 3 % ta' kull kwota mit-TAC għall-barbun tat-tbajja' tal-Punent tal-Iskozja, għandhom isiru disponibbli għal riżerva komuni tal-iskambju tal-kwoti ('ir-riżerva komuni'), li għandha tifta fl-1 ta' Jannar 2022. L-Istati Membri mingħajr kwota għandu jkollhom aċċess esklusiv għar-riżerva komuni sal-31 ta' Marzu 2022.

3. Il-kwantitajiet li jittieħdu mir-riżerva komuni ma jistgħux jiġi skambjati jew ittrasferiti għas-sena ta' wara. Wara l-31 ta' Marzu 2022, kwalunkwe kwantità mhux użata għandha tiġi ritornata lill-Istati Membri li inizjalment ikkontribwew għar-riżerva komuni.

4. L-Istati Membri mingħajr kwota għandhom jipprovdū kwoti ta' ritorn għall-istokkijiet elenkti fl-Appendiċi tal-Anness IA, sakemm l-Istat Membru mingħajr kwota u l-Istat Membru li jikkontribwixxi għar-riżerva komuni ma jiftehmux mod ieħor.

5. Il-kwoti msemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti, stabbiliti abbażi ta' rata tal-iskambju tas-suq jew rati tal-iskambju aċċettabbli reċiprokament oħraejn. Fin-nuqqas ta' alternattivi, il-valur kummerċjali ekwivalenti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezzijiet medji tal-Unjoni mis-sena ta' qabel, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura.

6. Fejn il-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 ma jippermettix li l-Istati Membri jkopru l-qabdet aċċessorji inevitabbi tagħhom sa grad simili, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiftieħmu fuq skambji ta' kwoti f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jiżguraw li l-kwoti skambjati jkunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti.

Artikolu 10

Limiti tal-isforz tas-sajd fid-diviżjoni 7e tal-ICES

1. Għall-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2), l-aspetti tekniċi tad-drittijiet u tal-obbligi għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni 7e tal-ICES huma stabbiliti fl-Anness II.
2. Fuq talba ta' Stat Membru f'konformità mal-punt 7.4 tal-Anness II, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu talloka lil dak l-Istat Membru għadd ta' jiem fuq il-baħar minbarra dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li matulhom bastiment jista' jkun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES abbażi ta' programm imtejjeb ta' kopertura tal-osservaturi xjentifċi, kif imsemmi fil-punt 8.1 tal-Anness II. Hija għandha tagħmel tali allokkazzjoni abbażi tad-deskrizzjoni sottomessa minn dak l-Istat Membru f'konformità mal-punt 8.3 tal-Anness II u wara konsultazzjoni mal-STECF. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.
3. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu talloka lil dak l-Istat Membru massimu ta' tlett ijiem bejn l-1 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Jannar 2023, minbarra dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li matulhom bastiment jista' jkun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES abbażi ta' programm imtejjeb ta' kopertura tal-osservaturi xjentifċi, kif imsemmi fil-punt 8.1 tal-Anness II. Hija għandha tagħmel tali allokkazzjoni abbażi tad-deskrizzjoni sottomessa minn dak l-Istat Membru f'konformità mal-punt 8.3 tal-Anness II u wara konsultazzjoni mal-STECF. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Miżuri għas-sajd tal-ispnott Ewropew fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u s-subżona 7 tal-ICES

1. Huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt li jistadu għall-ispnott Ewropew (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES, u fis-subżona 7 tal-ICES jew li jżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott Ewropew li jinqabda f'dik iż-żona.
2. Il-probjizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdiet inċidentali tal-ispnott f'attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tax-xtut stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħhom u jistgħu jinħattu l-art biss qabdiet inċidentali inevitabbi tal-ispnott.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2022, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott Ewropew maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti seguenti:
 - (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali ⁽²⁶⁾, għal qabdiet inċidentali inevitabbi li ma jaqbżux it-380 kilogramma kull xahrejn u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali ta' organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat f'kull vjaġġ tas-sajd;
 - (b) bl-użu ta' tartaruni ⁽²⁷⁾, għal qabdiet inċidentali inevitabbi li ma jaqbżux it-380 kilogramma kull xahrejn u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat f'kull vjaġġ tas-sajd;
 - (c) bl-użu ta' snanar u xlief ⁽²⁸⁾, li ma jaqbżux 1,43 tunnellati għal kull bastiment;
 - (d) l-użu ta' għeżula armati fuq il-lasti ⁽²⁹⁾, għall-qabdiet inċidentali inevitabbi ta' mhux aktar minn 0,35 tunnellata għal kull bastiment.

Id-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu, punt (c), għandha tapplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li rreġistraw qabdiet tal-ispnott Ewropew bl-użu ta' snanar u xlief fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

⁽²⁶⁾ It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).

⁽²⁷⁾ It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).

⁽²⁸⁾ Is-sajd kollu bil-konċijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).

⁽²⁹⁾ L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

Id-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu, punt (d), għandha tapplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li rreġistraw qabdiet tal-ispnott Ewropew bl-użu ta' għeżula fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

Fkaż ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk id-derogi japplikaw għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għal kull waħda mid-derogi u l-kapaċċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

4. Il-limiti ta' qbid stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti u, fejn japplika limitu ta' kull xahrejn, minn perijodu ta' xahrejn għall-ieħor.

Għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw aktar minn irkaptu wieħed f'xahrejn kalendarji, għandu japplika l-limitu ta' qbid l-aktar baxx stipulat fil-paragrafu 3 għal kull irkaptu.

L-Istati Membri għandhom jirraportaw lill-Kummissjoni kull qabda ta' spnott Ewropew skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, 7a sa 7k tal-ICES:

(a) mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar:

- (i) is-sajd ta' qbid u rilaxx b'qasba jew bi xliex għall-ispnott Ewropew biss għandu jkun permess;
- (ii) huwa pprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokat, trażbordat jew jinħatt l-art l-ispnott Ewropew li jinqabad f'dik iż-żona;

(b) mill-1 sal-31 ta' Marzu:

- (i) kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnott Ewropew kuljum;
- (ii) id-daqs minimu tal-ispnott Ewropew miżimum għandu jkun ta' 42 cm;
- (iii) xbieki fissi ma għandhomx jintużaw biex jinqabad jew jinżamm spnott Ewropew.

6. Il-paragrafu 5 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022.

Artikolu 12

Miżuri dwar is-sajd tal-ispnott Ewropew fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES

1. Franza u Spanja għandhom jiżguraw li l-mortalità mis-sajd tal-istokk tal-ispnott Ewropew fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES mis-sajd kummerċjali u rikreattiv tagħhom ma taqbiżx il-valur tal-punt F_{MSY} , kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472.

2. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES:

- (a) kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnott Ewropew kuljum;
- (b) xbieki fissi ma għandhomx jintużaw biex jinqabad jew jinżamm l-ispnott Ewropew.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.

Artikolu 13

Miżuri għas-sajd tas-sallura fl-ilmjiet tal-Unjoni taż-żona tal-ICES

Kwalunkwe attivitā tas-sajd għas-sallura mmirata, inċidentali u rikreattiva (*Anguilla anguilla*), kif definita fl-Artikolu 4(1), punt (28), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tkun ipprojbita fl-ilmjiet tal-Unjoni taż-żona tal-ICES u l-ilmjiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmjiet tranżizzjoni għal perijodu ta' tliet xhur konsekutivi.

Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina dak il-perijodu, li għandu jaqa' bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u t-28 ta' Frar 2023, biex jiżgura li l-projbizzjoni tkopri l-perijodi tal-ogħla migrazzjoni tas-sallura.

L-Istati Membri għandhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2022 jikkomunikaw il-perijodu ddeterminat lill-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni ta' sostenn li tiġġustifika l-perijodu ta' projbizzjoni magħżul.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet ta' opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:
 - (a) l-iskambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (c) ir-riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikoli 12 u 47 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403;
 - (d) il-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (e) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (f) it-tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (g) it-trasferimenti u l-iskambji ta' kwoti magħmula skont l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.
2. L-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.
3. Għajr meta spċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2), u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.
4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 15

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirell

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell (*Ammodytes spp.*) bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm huwa pprojbit fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2022.

Artikolu 16

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana

1. Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħliet għas-sajd b'irkaptu pelaġiku (bit-tartaruni tal-borża u bix-xbieki tat-tkarkir), u l-perijodi li matulhom ser ikunu magħluqa huma stabbiliti fl-Anness IV.
2. Il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni b'daqs minimu tal-malji ta' mill-inqas 70 mm fid-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES jew mill-inqas 90 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES, u bil-konzijiet ⁽³⁰⁾ għandhom jiġu pprojbiti milli jistadu fl-ilmiċċiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4a tal-ICES, fit-tramuntana tal-latitudni $58^{\circ} 30' 00''$ N u fin-nofsinhar tal-latitudni $61^{\circ} 30' 00''$ N, u fl-ilmiċċiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a.20 tal-ICES (Skagerrak), tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES, fit-tramuntana tal-latitudni $57^{\circ} 00' 00''$ N u fil-lvant tal-lonġitudni $5^{\circ} 00' 00''$ E.

⁽³⁰⁾ Kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX, LL, LLS.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-bastimenti tas-sajd imsemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jistadu fiż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu, dment li dawn ikunu jissodisfaw tal-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) il-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma jirrappreżentawx aktar minn 5 % tal-qabdiet totali tagħhom għal kull vjaġġ tas-sajd; il-bastimenti li l-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma qabżux il-5 % tal-qabdiet totali tagħhom bejn l-2017 u l-2019 huma preżunti li jikkonformaw ma' dan il-kriterju dment li jkomplu jużaw l-istess rkaptu li użaw f'dak il-perijodu; din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata;
- (b) jintuża tartarun jew xibka tat-tkarkir tal-qiegħ regolati u selettivi ħafna, li jirriżultaw, skont studju xjentifiku, fi tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-qabdiet tal-bakkaljaw meta mqabbla ma' bastimenti li jistadu bid-daqs tal-malja tal-linjal bażi għall-irkapti rmunkat, kif spċifikat fil-Parti B, punt 1.1, tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241; tali studji jistgħu jiġi evalwati mill-STECF u fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva, l-irkapti inkwistjoni ma għandhomx jibqgħu jitqiesu validi għall-użu fiż-żoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan il-Artikolu;
- (c) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 100 mm jew aktar (tat-tip TR1), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:
 - (i) xbieki tat-tkarkir bis-sorra b'daqs minimu tal-malji fil-parti tas-sorra ta' 600 mm;
 - (ii) xibka mgħollija (0,6 m);
 - (iii) xibka selettiva orizzontali li jkollha fetħa għall-ħrib b'malji kbar;
- (d) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 70 mm jew aktar fid-diviżjoni tal-ICES 4a u 90 mm jew aktar fid-diviżjoni tal-ICES 3a u inqas minn 100 mm (tat-tip TR2), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:
 - (i) għarbiel orizzontali bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkatt għall-ħut tond;
 - (ii) pannell Seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;
 - (iii) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkatt għall-ħut;
- (e) il-bastimenti huma soġġetti għal pjani nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw biex jiġi sostnuti l-qabdiet tal-bakkaljaw f'konformità mal-mortalitā mis-sajd li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti, abbażi ta' livelli ta' parix xjentifiku, permezz ta' miżuri spazjali jew tekniċi, jew taħlita tagħhom; tali pjanijiet għandhom jiġi vvalutati mhux aktar tard minn xahrejn wara l-implementazzjoni tagħhom, mill-STECF fil-każ tal-Istati Membri jew mill-korp xjentifiku nazzjonali rilevanti fil-każ ta' pajjiżi terzi, u, fejn jitqies meħtieġ, rivedutu aktar jekk valutazzjonijiet bħal dawn isibu li l-objettiv tal-pjan nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw mhux ser jintla ħaq.

4. L-Istati Membri għandhom itejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-bastimenti msemmija fil-paragrafu 2 sabiex jiżguraw il-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Dan l-Artikolu ma għandux jaapplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiki, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 17

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Kattegat

1. Il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu fil-Kattegat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (⁽³¹⁾) b'daqs minimu tal-malja ta' 70 mm għandhom jużaw wieħed mill-irkapti selettivi li ġejjin:
 - (a) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkatt għall-ħut tond;
 - (b) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkatt għall-ħut tond;
 - (c) pannell Seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;
 - (d) irkaptu selettiv ħafna regolat, li l-attributi tekniċi tiegħi jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku vvalutat mill-STECF, f'qabdiet ta' inqas minn 1,5 % ta' bakkaljaw, dment li jkun l-uniku rkaptu li l-bastiment iġorr abbord.

⁽³¹⁾ Kodiċċijiet tal-irkapti: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni li jipparteċipaw fi proġett ta' Stat Membru u li jkollhom tagħmir funzjonali għal attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ jistgħu jużaw irkaptu fkonformità mal-Parti B tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241. L-Istat Membru inkwistjoni għandu jikkomunika lista ta' tali bastimenti lill-Kummissjoni.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa ġħall-fini eskużiv ta' investigazzjonijiet xjenfifi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu fkonformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 18

Speċijiet ipprojbiti

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art:

- (a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a, 3a u 7d tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES;
- (b) il-fonsa l-ħamra (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO;
- (c) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;
- (d) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;
- (e) il-murruna sewda (*Dalatias licha*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;
- (f) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;
- (g) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) il-kumpless (*Dipturus cf. flossada* u *Dipturus cf. intermedia*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;
- (h) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;
- (i) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabdu bil-konzijiet fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-iljmijiet tal-Unjoni u fl-iljmijiet internazzjonali tas-subżoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;
- (j) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-iljmijiet kollha;
- (k) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;
- (l) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 u 10 tal-ICES;
- (m) il-kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus*) fl-iljmijiet kollha;
- (n) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fil-Mediterran;
- (o) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-iljmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES, għajr fil-kuntest ta' programmi għall-evitar kif stabbilit fl-Anness IA.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux issirilhom īxsara u għandhom jintegħu l-baħar immedjatament.

Artikolu 19

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art u mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet għas-sajd fl-il-mijiet ta' pajiżi terzi

Artikolu 20

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-ġħadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-il-mijiet ta' pajiżi terz, fejn applikabbli, huwa stipulat fil-Parti A tal-Anness V.
2. Fejn Stat Membru jittraferixxi kwota lil Stat Membru ieħor fiż-żoni tas-sajd li huma stabbiliti fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u jīgi nnotifikat lill-Kummissjoni. Kif stipulat fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, l-ġħadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona tas-sajd ma' għandux jinqabeż.

KAPITOLU III

Opportunitajiet tas-sajd fl-il-mijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 21

Trasferimenti u skambji ta' kwoti

1. Fejn ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) jippermettu trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għal dik l-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għal dik l-RFMO u, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub, kif xieraq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifikasi d-deskrizzjoni lill-Kummissjoni.
2. Meta tiġi nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tapprova l-qafas tat-trasferiment jew il-iskambju tal-kwoti maħsuba. Fil-każ li l-Kummissjoni tapprova l-qafas, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejed, il-kunsens tagħha li tkun marbuta bit-trasferiment jew bl-iskambju tal-kwoti maħsuba. Hijra għandha tinnotifikasi lis-segretarjat tal-RFMO bit-trasferiment jew bl-iskambju f'konformità mar-regoli tal-RFMO.
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem.
4. L-opportunitajiet tas-sajd riċevuti jew ittrasferiti mill-Istat Membru kkonċernat taħt it-trasferiment jew il-iskambju tal-kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjud, jew imnaqqsa mill-allokazzjoni tiegħu mill-mument li t-trasferiment jew il-iskambju jidħol fis-seħħ skont it-termini tal-ftehim mal-Parti Kontraenti rilevanti lill-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, kif xieraq. Tali trasferimenti u skambji ma għandhomx jaffettaww il-koeffiċjent eżistenti ta' distribuzzjoni għall-finu tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabilità relativa tal-attivitàjiet tas-sajd.
5. Dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2023 għat-trasferimenti tal-kwoti minn Parti Kontraenti għall-RFMO lejn l-Unjoni u għall-allokazzjoni sussegwenti tagħhom lill-Istati Membri.

Taqsimma 2

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-NEAFC

Artikolu 22

Għeluq għar-redfish fil-Baħar Irminger

L-attivitajiet kollha tas-sajd huma pprojbiti fiż-żona delimitata mill-koordinati li ġejjin imkejla skont is-sistema WGS84:

Latitudni	Lonġitudni
63° 00'	-30° 00'
61° 30'	-27° 35'
60° 45'	-28° 45'
62° 00'	-31° 35'
63° 00'	-30 ° 00'

Taqsimma 3

Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT

Artikolu 23

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u t-tismin

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn (*Thunnus thynnus*) ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.
2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Mediterran, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.
3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adriyatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness VI.
4. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd, li huma awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness VI.
5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness VI.
6. Il-kapaċità totali tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn u l-kontribut massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li huma allokati lill-farms tal-ħut fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness VI.
7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alongha tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 ⁽³²⁾ għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness VI għal dan ir-Regolament.

⁽³²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).

8. L-ġħadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż (Thunnus obesus) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 8 tal-Anness VI.

Artikolu 24

Sajd rikreattiv

Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku mill-kwoti allokati tagħhom għas-sajd rikreattiv, kif stabbilit fl-Anness ID.

Artikolu 25

Klieb il-baħar

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliatus*) maqbud fi kwalunkwe attivitā tas-sajd.
2. Għandu jkun ipprojbit l-involviment f'sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.
3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (għajnej is-Sphyrna tiburon) maqbuda f'sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.
4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attivitā tas-sajd.
5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' klieb il-baħar ġaririn (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda fi kwalunkwe attivitā tas-sajd.
6. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxitonu tal-Atlantiku tat-Tramuntana (*Isurus oxyrinchus*) maqbuda f'sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

Artikole 26

FADs għat-tonn tropikali

1. Għandu jkun ipprojbit l-użu tal-FADs fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mill-1 ta' Jannar sat-13 ta' Marzu 2022.
2. Matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tagħhom ma jużawx FADs. Kull bastiment ma għandux ikollu aktar minn 300 FAD b'bagi operazzjonali użati fi kwalunkwe ħin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC.
3. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni data storika dwar l-irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs installati għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2022. Fil-każ li Stat Membru ma jirrappurtax din id-data sa dik id-data, bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu ma jistgħux jinstallaw irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs sakemm il-Kummissjoni tirċievi dik id-data mingħand dak l-Istat Membru għal rappurtar ulterjuri lill-ICCAT.

Taqṣima 4

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR

Artikolu 27

Notifikasi ta' sajd esploratorju għall-pixxisinna

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitàajiet esploratorji tas-sajd bil-konzijiet għall-pixxisinna (*Dissostichus spp.*) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a tal-FAO l-barra miż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali fl-2022. L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jagħmlu dan, għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR fkonformità mal-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 28

Limiti fuq is-sajd esploratorju għall-pixxisinna

- Is-sajd għall-pixxisinna matul l-istaġun tas-sajd 2021–2022 għandu jkun limitat għall-Istati Membri, is-subżoni u l-għadd ta' bastimenti stabiliti fit-Tabella A tal-Anness VII, u t-TACs u l-limiti tal-qabdet inċidentalni stabiliti fit-Tabella B ta' dak l-Anness għandhom jaapplikaw.
- Is-sajd dirett ta' speċijiet ta' kelb il-baħar għal skopijiet oħra minbarra r-riċerka xjentifika huwa pprojbit. Il-qabdet inċidental kollha ta' kelb il-baħar, speċjalment il-ħut żgħir u l-ħut femminili tqal, li jinqabdu aċċidentalment fis-sajd għall-pixxisinna, għandhom jiġi rilaxxati ħajjin.
- Fejn applikabbli, għandu jieqaf is-sajd f'kull unità ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRU) meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqja tal-istaġun tas-sajd.
- Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u tiġi evitata konċentrazzjoni jezda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 48.6 u 88.1 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjoni 58.4.3a tal-FAO, fejn permess skont l-Artikolu 27, huwa pprojbit ffond ta' inqas minn 550 metru.

Artikolu 29

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2021–2022

- L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt l-istaġun tas-sajd 2021–2022, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, bl-użu tal-formola fil-Parti B tal-Appendiċi tal-Anness VII. Abbażi tal-informazzjoni pprovdu mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifikasi lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2022.
- In-notifikasi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tħalli l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat biex jipparteċipa fis-sajd-krill.
- Stat Membru li jkun beħsiebu jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifikasi l-intenzjoni tiegħi li jagħmel dan biss fir-rigward ta' bastimenti awtorizzati li, fil-ħin tan-notifikasi:
 - jtajru l-bandiera tiegħi; jew
 - jtajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li jkunu mistennija li jtajru l-bandiera dak l-Istat Membru fiż-żmien li jseħħ is-sajd.
- Fejn bastiment awtorizzat innotifikat lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 jitwaqqaf milli jipparteċipa fsajd għall-krill minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba *force majeure*, l-Istat Membru kkonċernat jista' jawtorizza s-sostituzzjoni tiegħi minn bastiment ieħor. Fkaż bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufihi lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovd:

 - dettalji sħaħ tal-bastiment(i) ta' sostituzzjoni maħsub(a), inkluż l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004; u
 - rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġi jidher is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza rilevanti ta' sostenn.

- L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment li jkun tqiegħed fi kwalunkwe lista ta' bastimenti tas-sajd involuti fsajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) tas-CCAMLR biex jipparteċipa fis-sajd-krill.

Taqsim 5

Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Artikolu 30

Limitazzjoni tal-kapaċitā tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

1. L-ġħadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikal i fizi-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċitā korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VIII.
2. L-ġħadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċitā korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VIII.
3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti li jkunu assenjati għal waħda mill-attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attivitā tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li tali bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni.
4. Fejn jiġi propost trasferiment ta' kapaċitā lill-flotta ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-registrū tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati jew fuq ir-registrū ta' bastimenti ta' RFMOs oħra li għandhom il-ġestjoni tas-sajd tat-tonn. Bastimenti li jidhru fuq kwalunkwe lista ta' bastimenti tal-RFMO li jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU ma jistgħux jiġi ttrasferiti.
- (22) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkmandazzjoni GFCM/44/2021/11 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu ankrat bieqx jingħemal-ħut fis-sajd għal-lampuki fil-Baħar Mediterranean, li temenda r-Rakkmandazzjoni GFCM/43/2019/1 (is-subżoni ġeografiċi minn 1 sa' 27 tal-GFCM), li introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress fghadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-lampuki. Dik ir-Rakkmandazzjoni tawlet il-miżuri eżistenti għal sena. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.

- (23) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkmandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkmandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM). Dik ir-rakkmandazzjoni introduċiet il-Qabda Totali Permissibbli (TAC) regionali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari perijodu ta' għeluq tas-sajd ta' xahrejn u restrizzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Dawn il-miżuri addizzjonali huma marbuta mil-lat funzjonal mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr dawk il-miżuri fis-seħħ, jenħtieġ li l-livell tat-TAC jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implementati fid-dritt tal-Unjoni.
- (24) Fkonformità mal-parir xjentifiku mogħti mill-GFCM, jeħtieġ li jinżamm il-livell attwali ta' mortalità mis-sajd biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk huwa xieraq li tkompli tiġi stabbilita kwota awtonoma għal dak l-istokk.
- (25) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jutqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċċoekonomiċi, u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet li jkunu ngħatawa waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.
- (26) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (⁷), u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, li jittrattaw ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (27) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁸) li jimplimenta ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.
- (28) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (⁹) introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għat-TACs prekawżjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġi ffissati t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Iktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà ta' sena b'sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddghajnej il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-PKS u li twassal biex l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet jiddeterjora, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (29) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitat jiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-ġħajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufi wara li jiġi ppubblikat.
- (30) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw fkonformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni,

(⁷) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(⁸) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(⁹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fil-Baħar Meditarran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:
 - (a) is-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Meditarran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(b);
 - (b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Meditarran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(c);
 - (c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adriyatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
 - (d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adriyatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
 - (e) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija kif iddefinit fl-Artikolu 4(e), fil-Baħar Jonju kif iddefinit fl-Artikolu 4(f) u fil-Baħar Levantin kif iddefinit fl-Artikolu 4(g);
 - (f) il-pàgella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(h);
 - (g) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed, kif iddefinit fl-Artikolu 4(i).

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbili fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "ilmijiet internazzjonal" tfisser il-miġjiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;
- (b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

- (c) “qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:
- (i) fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd li għalihom tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta’ ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta’ ħut li jista’ jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
 - (ii) fil-każ tal-attivitajiet l-oħrajn kollha tas-sajd, l-ammont ta’ ħut li jista’ jinqabbed minn kull stokk fuq perijodu ta’ sena;
- (d) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;
- (e) “kwota awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu tal-qbid allokat b’mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni meta ma jkunx hemm qbil dwar TAC;
- (f) “kwota analitika” tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;
- (g) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li r-rieżami xjentifiku jkun indika li hija ta’ kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifīċi dwar l-għażliet għall-qabdet fil-gejjeni;
- (h) “irkaptu biex jinġemal-ħut” (FAD) tfisser kull tagħmir ankrat li jżomm fil-wiċċ tal-baħar bl-iskop li jattira l-ħut”.

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

- (a) “is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM” tfisser iż-żoni ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (b) “il-Baħar Mediterran” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (c) “il-Punent tal-Baħar Mediterran” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (d) “il-Baħar Adriyatiku” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (e) “l-Istrett ta’ Sqallija” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16, tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (f) “il-Baħar Jonju” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (g) “il-Baħar Levantin” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (h) “il-Baħar Alboran” tfisser l-il-mijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (i) “il-Baħar l-Iswed” tfisser l-il-mijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

KAPITOLU I

Il-Baħar Mediterranean

Artikolu 5

Sallura Ewropea

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdū s-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), jiġifieri sajd immirat, inċidental u rikreattiv, fl-ilmjiet kollha tal-Mediterran, inkluż l-ilmjiet ġelwin u salmastri ta' tranżizzjoni, bħal laguni u estwarji.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għas-sallura Ewropea fl-ilmjiet tal-Unjoni u fl-ilmjiet internazzjonali tal-Mediterran għal perijodu ta' tħiet xħur konsekutivi li kull Stat Membru jrid jistabbilixxi. Il-perijodu magħluq għas-sajd għandu jkun konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni li jkunu fis-seħħ u max-xejret temporali tal-migrazzjoni tas-sallura Ewropea fl-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-perijodu stabbilit sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-seħħ il-perijodu magħluq għas-sajd u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2022.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jaqbżu l-livell massimu ta' qabdet jew ta' sforz tas-sajd tas-sallura Ewropea stabbiliti u implimentati permezz tal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom, adottati fkonformità mal-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007.

Artikolu 6

Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-ħsad tal-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri sajd immirat u rikreattiv fil-Mediterran.

2. Għas-sajd immirat, in-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi ta' stokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u l-attivitajiet ta' ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma soġġetti għall-paragrafu 2 għandhom ikunu pprojbiti milli jittrasbordaw qroll aħmar fuq il-baħar.

4. Għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprob xix-xaqqa l-qabda u ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art tal-qroll aħmar.

Artikolu 7

Lampuka

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu sabiex jinġemal-ħut għall-qbid tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*), fl-ilmjiet internazzjonali tal-Baħar Mediterranean.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għal-lampuki huwa stabbilit fl-Anness II.

KAPITOLU II

Il-Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 8

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022, fil-Punent tal-Baħar Mediterran.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u l-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022.
3. L-allokazzjoni fost l-Istati Membri tal-limiti massimi tal-qbid għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran hija stipulata fl-Anness III.
4. Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd:
 - (a) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri, kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandha tkun f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
 - (b) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:
 - l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - ħatt l-art addizzjonal permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - kwantitajiet miżmura f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew ittrasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 9

Trażmissjoni tad-data

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-data dwar l-isforz tas-sajd u jibagħtuha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Meta tiġi sottomessa d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness III.

KAPITOLU III

Il-Baħar Adriyatiku

Artikolu 10

Stokkijiet pelaġġiċi żgħar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-qbid tas-sardina (*Sardina pilchardus*) u tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adriyatiku.

2. Il-livell massimu ta' qabdet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness IV.
3. Il-kapaċită massima tal-flotta, espressa f'kW, GT u l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar huwa stabbilit fl-Anness IV.

Artikolu 11

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adriatiku.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli u l-kapaċită massima tal-flotta għall-istokkijiet ta' ħut tal-qiegħ fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV.
3. Stat Membru jista' jemenda l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd tiegħu kif stabbilita fl-Anness IV billi jittrasferixxi l-jiem tas-sajd minn grupp ta' sforz tas-sajd għal ieħor fl-istess żona ġeografika u/jew irkappti, dment li japplika fattur ta' konverżjoni nazzjonali li jkun appoġġat mill-aqwa parir xjentifiku disponibbli.
4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 12

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jiġi jissottomettu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitatijiet tal-istokkijiet li jkunu qabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IV.

KAPITOLU IV

Il-Baħar Jonju, il-Baħar Levantin u l-Fliegu ta' Sqallija

Artikolu 13

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd l-għadha aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-għadha blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), fil-Baħar Jonju, fil-Baħar Levantin u fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. In-numru massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' ħut tal-qiegħ huwa stipulat fl-Anness V.

KAPITOLU V

Il-Baħar Alboran

Artikolu 14

1. Dan l-Artikolu japplika għas-sajd kummerċjali bil-konz u bix-xlief minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd l-pagħella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran.
2. Il-livell massimu ta' qabdet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

KAPITOLU VI

Il-Baħar l-Iswed*Artikolu 15***Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allocazzjoni tat-tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonal, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

*Artikolu 16***Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-il-mijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed u l-allocazzjoni tat-tali TAC fost l-Istati Membri, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonal, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

*Artikolu 17***Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16 ma għandhomx jistadu għal aktar minn 180 jum ta' sajd fis-sena, irrispettivament mit-tul totali tagħhom.

*Artikolu 18***Perijodu ta' għeluq tas-sajd għall-barbun imperjali**

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kull attivitā tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-il-mijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

*Artikolu 19***Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allocazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed**

1. L-allocazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-affarijet li ġejjin:
 - (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) it-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u
 - (c) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 20***Trażmissjoni tad-data**

Meta l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa kaħla u tal-barbun imperjali li jkunu qabdu fl-il-mijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VII.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ANNESS I

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-MEDITERRAN GĦALL-QROLL AĦMAR FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi (GSAs) tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM).

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Corallium rubrum</i>	COL	Qroll aħmar

Tabella 1.

Ġhadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd (¹)

Stati Membri	Qroll aħmar COL
Greċja	12
Spanja	0 (²)
Franza	32
Kroazja	28
Italja	40

Tabella 2.

Il-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda espressi f'tunnellati ta' piż-ħaj

Speċi:	Qroll aħmar <i>Corallium rubrum</i>	Żona: L-ilmiċċiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran - subżoni ġeografiċi 1-27 COL/GF1-27
Greċja	1,844	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Spanja	0 (²)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Franza	1,400	
Kroazja	1,226	
Italja	1,378	
Unjoni	5,848	
TAC	Mhx rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha	

(¹) Li jirrapreżenta l-għadd ta' bastimenti u/jew bugħaddasa, jew l-abbinament ta' għaddas wieħed ma' bastiment wieħed, awtorizzati biex jaħsdū l-qroll aħmar.

(²) Skont il-projbizzjoni temporanja għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilit fl-ilmiċċiet Spanjoli.

ANNESS II

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJET TAL-LAMPUKA FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabella f'dan l-Anness tistabbilixxi l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati li jistadu għal-lampuki fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterranean.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterranean.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Coryphaena hippurus</i>	DOL	Lampuka

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti li joperaw f'ilmijiet internazzjonali (¹)

Stat Membru	Lampuka DOL
Italja	797
Malta	130

(¹) Din il-kwota tista' tiġi mistada biss bejn il-15 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

ANNESS III

L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJET TAL-ĦUT TAL-QIEGĦ FIL-PUNENT TAL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi tal-istokkijiet, kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1022, il-limiti massimi tal-qbid u t-tul globali tal-bastimenti tat-tkarkir kollha (¹) u għall-konzijiet tal-qiegħ li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaqgħiġi GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Aristaeomorpha foliacea</i>	ARS	Għamblu aħmar kbir
<i>Aristeus antennatus</i>	ARA	Għamblu blu u aħmar
<i>Merluccius merluccius</i>	HKE	Merluzz
<i>Mullus barbatus</i>	MUT	Trilja tal-ħama
<i>Nephrops norvegicus</i>	NEP	Skampu
<i>Parapenaeus longirostris</i>	DPS	Għamblu abjad

(¹) TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP, TSP.

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'jiem tas-sajd

- (a) Bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7) (2)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 1, 5 u 6; l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 5 u 6.	< 12 m	1 921	0	0	EFF1/MED1_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	20 641	0	0	EFF1/MED1_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	38 728	4 372	0	EFF1/MED1_TR3
	≥ 24 metru	13 640	5 320	0	EFF1/MED1_TR4

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-gamblu blu u aħmar fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7.	< 12 m	0	0	0	EFF2/MED1_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	968	0	0	EFF2/MED1_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	9 805	0	0	EFF2/MED1_TR3
	≥ 24 metru	7 871	0	0	EFF2/MED1_TR4

(2) Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jaem tas-sajd p'total ta' 2 % tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għat-taqṣima tal-flotta kkonċernata. Stat Membru jista' jagħmel dan, sakemm:

- a) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malji kwadri ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' ħut żgħir ta' merluzz; jew
- b) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'daqs tal-malja ta' 50 mm daqs tal-malja kwadra għas-sajd fl-ilmijiet fondi sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' gambli blu u horor b'tul tal-karapaċa (CL) ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' gambli horor ġġanti fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 inqas minn 35 mm CL; jew
- c) dawk il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECEF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % ta' ħut li għadu qed jikber jew ta' mill-inqas 20 % tal-qabdet tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew
- d) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanju sabiex inaqqas b'mill-inqas 25 % il-qabdet ta' ħut li għadu qed jikber ta' speċijiet tal-qiegħ jew mill-inqas 20 % tal-qabdet tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokazzjoni addizzjonali ta' jaem tas-sajd. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika wkoll b'mod separat kull xahar lill-Kummissjoni l-allocazzjoni addizzjonali L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-implementazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu a), b), c) jew d).
- It-2 % globali tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allocazzjoni tal-isforz tas-segment tal-flotta kkonċernata mid-data tan-notifika tal-Istat Membru kkonċernat.

- (b) Bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-gżira ta' Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11) (3)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11; l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 9 u 10.	< 12 m	0	177	2 534	EFF1/MED2_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	0	709	38 110	EFF1/MED2_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	0	177	25 629	EFF1/MED2_TR3
	≥ 24 metru	0	177	3 421	EFF1/MED2_TR4

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11.	< 12 m	0	0	419	EFF2/MED2_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	0	0	3 091	EFF2/MED2_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	0	0	2 489	EFF2/MED2_TR3
	≥ 24 metru	0	0	333	EFF2/MED2_TR4

- (c) Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	9 433	6 432	0	EFF1/MED1_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	2 148	93	0	EFF1/MED1_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	74	0	0	EFF1/MED1_LL3
	≥ 24 metru	29	0	0	EFF1/MED1_LL4

(3) Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd f'total ta' 2 % tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għat-taqṣima tal-flotta kkonċernata. Stat Membru jista' jagħmel dan, sakemm:

- a) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malji kwadri ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' ħut żgħir ta' merluzz; jew
 - b) dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'daqs tal-malja ta' 50 mm daqs tal-malja kwadra għas-sajd fl-ilmijiet fondi sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' gambli blu u horor b'CL ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 u biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % tal-qabdet ta' gambli horor ġganti fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 inqas minn 35 mm CL; jew
 - c) dawk il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STECEF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % ta' ħut li għadu qed jikber jew ta' mill-inqas 20 % tal-qabdet tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew
 - d) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanju sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % il-qabdet ta' ħut li għadu qed jikber ta' speċijiet tal-qiegħ jew mill-inqas 20 % tal-qabdet tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika wkoll b'mod separat kull xahar lill-Kummissjoni l-allocazzjoni addizzjonali.
- L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni kollha disponibbli relatata mal-implementazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu a), b), c) jew d).
- It-2 % globali tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allocazzjoni tal-isforz tas-segment tal-flotta kkonċernata mid-data tan-notifika tal-Istat Membru kkonċernat.

- (d) Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-ħut tal-qiegħ fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u f'Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	1 650	33 187	EFF1/MED2_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	0	51	4 748	EFF1/MED2_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	0	0	26	EFF1/MED2_LL3
	≥ 24 metru	0	0	0	EFF1/MED2_LL4

Limitu massimu tal-qbid

- (e) opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7) espress bħala livell massimu tal-qabdiet f'tunnellati ta' piż-ħaj

Speċi:	Gamblu blu u aħmar (<i>Aristeus antennatus</i>)	Żona:	subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7 (ARA/GF1-7)
Spanja	872		
Franza	56		
Italja	0		
Unjoni	928		
TAC	Mhix rilevanti		Il-livell massimu tal-qabdiet

- (f) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11) espressi bħala livell massimu tal-qabdiet f'tunnellati ta' piż-ħaj

Speċi:	Gamblu blu u aħmar (<i>Aristeus antennatus</i>)	Żona:	Subżoni ġeografiċi 9-10-11 (ARA/GF9-11)
Spanja	0		
Franza	9		
Italja	250		
Unjoni	259		
TAC	Mhix rilevanti		Il-livell massimu tal-qabdiet

Speċi:	Gamblu aħmar kbir (<i>Aristaeomorpha foliacea</i>)	Żona:	Subżoni ġeografiċi 8-9-10-11 (ARS/GF9-11)
Spanja	0		
Franza	5		
Italja	365		
Unjoni	370		
TAC	Mhix rilevanti		Il-livell massimu tal-qabdiet

ANNEX IV

**L-OPOPPUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR
ADRIJATIKU**

It-tabelli mogħtija f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u l-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonal, fejn ikun xieraq, inkluż in-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-pelaġiċi żgħar.

Għall-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jaapplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Engraulis encrasiculus</i>	ANE	Inċova
<i>Merluccius merluccius</i>	HKE	Merluzz
<i>Mullus barbatus</i>	MUT	Trilja tal-ħama
<i>Nephrops norvegicus</i>	NEP	Skampu
<i>Parapenaeus longirostris</i>	DPS	Gamblu abjad
<i>Sardina pilchardus</i>	PIL	Sardina
<i>Solea solea</i>	SOL	Lingwata komuni

1. L-istokkijiet pelaġiċi żgħar – subżoni ġeografiċi 17 u 18

Il-livell massimu tal-qabdet espress f'tunnellati ta' piż-żejt

Speċi:	L-ispecċijiet pelaġiċi ż-żgħar (l-inċova u s-sardina) <i>Engraulis encrasiculus</i> u <i>Sardina pilchardus</i>	Żona:	L-ilmiċċijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (SP1/GF1718)
Italja	35 394	(¹)	Il-livell massimu tal-qabdet
Kroazja	56 304		L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux jaapplika
TAC	Mhix rilevanti		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux jaapplika

(¹) Għas-Slovenja, il-kwantitajiet jissejsu fuq il-livell tal-qabdet li kien hemm fl-2014 u ma għandhomx jaqbżu t-300 tunnellata.

Il-kapaċità massima tal-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir u bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu b'mod attiv għal speċiċijiet pelaġiċi żgħar

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	PS	249	77 145,52	18 537,72
Italja	PTM-OTS-PS	685	134 556,7	25 852
Slovenja (¹)	PS	4	433,7	38,5

(¹) Id-dispożizzjoni taħbi il-paragrafu 28 ta' GFCM/44/2020/20 ma għandhiex tapplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn għaxar bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u/jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiċu li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar, kif irregistraz kemm fir-reġistru nazzjonali u fdak tal-GFCM għall-2014. Fdak il-każ, il-kapaċità tal-flotta attiva tista' tiżid b'mhx aktar minn 50 % tal-ġadd ta' bastimenti u f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) u/jew tunnellaġġ regiżrat gross (GRT) u kW.

2. L-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ – is-subżoni ġeografiċi 17 u 18

L-isforz massimu permissibbli tas-sajd (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' xbieki tat-tkarkir u s-segment tal-flotta li jistadu għal stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku).

Tip ta' rkaptu	Żona ġeografika	Stokkijiet ikkonċernati	Tul totali tal-bastimenti	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	Jiem tas-sajd 2022		
					ITALJA	KROAZJ-A	SLOVENJA ⁽¹⁾
Ix-x-bieki tat-tkarkir (OTB)	Is-subżoni 17-18 tal-GFCM	Trilja tal-ħama; Merluzz; Gamblu abjad, u skampu	< 12 m	EFF/MED3_OTB_TR1	3 521	10 388	
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_OTB_TR2	79 139	24 202	
			≥ 24 metru	EFF/MED3_OTB_TR3	6 934	2 173	
Ix-x-bieki tat-tkarkir bi travu (TBB)	Is-subżona 17 tal-GFCM	Lingwata komuni	< 12 m	EFF/MED3_TBB_TR1	200	0	
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_TBB_TR2	3 747	0	
			≥ 24 metru	EFF/MED3_TBB_TR3	3 726	0	

(¹) Is-Slovenja ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum tas-sajd fis-sena f'konformità mal-paragrafu 13 ta' GFCM/43/2019/5.

Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u tal-bastimenti bi xbieki tat-tkarkir bi travu awtorizzati għas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	OTB	495	79 867,99	13 267,99
Italja	OTB-TBB	1 363	260 618,37	47 148
Slovenja (*)	OTB	11	1 813,00	168,67

(*) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9(c) u 28 ta' GFCM/43/2019/5 ma għandhomx japplikaw għall-fltot nazzjonali li joperaw bl-OTB u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perijodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 9(c). Il-kapaċità tas-sajd tal-flotta attiva li topera bl-OTB ma għandhiex tiżidied b'aktar minn 50 % fir-rigward tal-perijodu ta' referenza.

ANNESS V

**L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR
JONJU, FIL-BAĦAR LEVANTIN U FIL-FLIEGU TA' SQALLIJA**

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Jonju, fil-Baħar Levantin u fil-Fliegu ta' Sqallija.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaqgħ-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Aristaeomorpha foliacea</i>	ARS	Gamblu aħmar kbir
<i>Aristeus antennatus</i>	ARA	Gamblu blu u aħmar

(a) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Baħar Jonju (subżoni ġeografiċi 19-20-21)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21	Gamblu blu u aħmar fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21
Greċja	263	263
Italja	410	410
Malta	15	15

(b) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Baħar Levantin (subżoni ġeografiċi 24-25-26-27)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 24-25-26-27	Gamblu blu u aħmar fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 24-25-26-27
Italja	80	80
Ċipru	6	6

(c) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Fliegu ta' Sqallija (subżoni ġeografiċi 12-13-14-15-16)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 12-13-14-15-16	Gamblu blu u aħmar fl-ilmiċċiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 12-13-14-15-16
Spanja	2	2
Italja	320	320
Ċipru	1	1
Malta	15	15

ANNESS VI

**L-OPOPPUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR
ALBORAN**

Il-livell massimu tal-qabdet li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief espressi f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Paġella ġamra <i>Pagellus bogaraveo</i>	Żona:	L-ilmiġiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar Alboran - subżoni ġeografiċi 1-3 SBR/GF1-3
Spanja	225		L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Unjoni	225		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
TAC	Mhx rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha		

ANNESS VII

L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, mogħtija ftunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjoni.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġegħiġi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Sprattus sprattus</i>	SPR	Laċċa kaħla
<i>Scopthalmus maximus</i>	TUR	Barbun imperjali

Speċi:	Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	L-ilmiċċiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - subżona ġeografika 29 (SPR/F3742C)
Bulgarija	8 032,50	Kwota analitika	
Rumanija	3 442,50	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
Unjoni	11 475	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	Mhx rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha		

Speċi:	Barbun imperjali <i>Scopthalmus maximus</i>	Żona:	L-ilmiċċiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - subżona ġeografika 29 (TUR/F3742C)
Bulgarija	75	TAC analitika	
Rumanija	75	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
Unjoni	150 (*)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	857		

(*) Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2022 ma għandha tkun permessa l-ebda attivitā tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, ħatt l-art u l-ewwel bejgħ.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT